MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 135/2001

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Renato (Renato-Carlo) Portelli ta’ 24 sena iben Carmel u Carmela nee Borg imwieled Ħ’Attard fid-29 ta’ Diċembru 1976 u joqgħod 186 Valley Road Birkirkara (illum Flat 1 Carmel Street Birkirkara) bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 82477(M).

Akkużat talli ;

(1) F’dawn il-Gżejjer fl-10 t’Ottubru 1998 u d-disa’ xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'tali cirkostanzi li juru li din id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

(2) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer fl-10 ta' Ottubru 1998, assocja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika medicina f'dawn il-Gżejer, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikolużi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, billi kommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti ta' l-Appell datata 26 ta' April 1995.

(4) Ukoll talli sar ricediv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 20 ta' Settembru 1996, Awla 8

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta' l-imputat a fol 3 sa 5; iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 824 tas-sena 1977 li jaqbel ma l-ID card; l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2001; is-sentenza fl-

ismijiet ‘Il-Pulizija vs Renato-Carlo sive Renato Portelli’ a fol 11 fejn kien mmultat Lm200; il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna nhar l-1 ta’ Ottubru 1999 li huwa intitolat ‘Proces verbal dwar sejba ta’ allegatament eroina u raża tal-cannabis f’17 Dock Street Msida fir-residenza ta’ Joseph Pace magħruf bħala l-Parapett’ liema persuna xtaqet ukoll tikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija quddiem l-istess Maġistrat, page 15 et tal-proċess; fol 33 l-istqarrija ġuramentata li kien għamel Joseph Pace fejn ssemma wkoll l-imputat a fol 34; in-nomina li għamlet il-Qorti ta’ Josette Camilleri biex tagħmel social inquiry report ta’ l-imputat; kopja tal-proċess verbal li diġa ssemma li jibda minn fol 65 sa 115; u l-istess kopja li tibda 119 sa fol 165; l-istqarrija ta’ l-imputat li tibda minn fol 167; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża u mill-prosekuzzjoni illi ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu ix-xhieda li kienu diġa instemgħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta; l-ezenzjonji li għamlet id-difiża lill-prosekuzzjoni milli ttella’ xhieda ta’ l-identita’ tas-sentenza esebita (fol 181); il-ħatra ta’ Probation Officer biex jagħmel supervision order fuq l-imputat; is-sentenza mogħtija fis-26 ta’ April 1995 fl-ismijiet ‘Pulizija (Sp Stephen J Gatt) vs Renato Portelli’ a fol 188 u 189 b’dan illi l-imputat kellu konfermata l-ewwel sentenza ta’ piena ta’ priġunerija sospiża għal 4 snin; ir-rapport dwar l-imputat imħejji mill-Probation Officer Trevor Calafato; kopja oħra ta’ l-istess sentenza li kienet ġiet ppreżentata qabel fl-ismijiet ‘Pulizija (Spettur Nicholas Ciappara) vs Renato-Carlo sive Renato Portelli’ fl-20 ta’ Settembru 1996 a fol 212 u 213; sentenza oħra Pulizija (Spettur Nicholas Ciappara) vs Renato-Carlo sive Renato Portelli’ a fol 215; il-kopja tar-rapport ta’ l-uffiċjal tal-probation Trevor Calafato a fol 217; it-talba tad-difiża sabiex b’xi mod jew ieħor jinstab Joseph Pace sabiex jista’ jittella jixhed a fol 224 u l-verbal li fih dan il-proċess tħalla għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Skond l-abbli prosekutur, fl-10 ta’ April 1998 saret tfittxija fil-fond 17 Dock Street Pieta, post li kien jappartjeni lil Joseph Pace. Ma Joseph Pace kienu sabu wkoll lill-imputat Renato Portelli. Pace kien ammetta li biegħ xi eroina fl-1996 ġewwa l-Msida. Huwa indika wkoll il-persuna mingħand min kien xtara. Huwa kien qal illi l-imputat kien qiegħed iqatta’ biċċiet tal-karti kwadri bl-intenzjoni li l-eroina tiġi ppakkjata fil-qratas, u talli l-imputat kien qed jagħmel dan ix-xoghol, Pace kellu l-ħsieb li jagħti numru ta’ qratas lil Portelli b’xejn. L-imputat rrifjuta li jwieġeb fl-istqarrija tiegħu kif jidher ampjament ċar fid-dokument illi ġie ppreżentat kif jidher a fol 167 u prattikament kull risposta hija identita ‘Ma nweġibx’ ħlief għall-aħħar waħda fejn mitlub jekk riedx iżid xi ħaġa oħra, huwa qal li le.

Il-qofol ta’ dan il-każ huwa propju l-istqarrija illi kien għamel dan Joseph Pace u li tidher a fol 33 u 34 tal-proċess meta kien deher quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. F’din l-istqarrija huwa kien semma persuna oħra pero a fol 34 fin-nofs, meta kien mistoqsi dwar il-persuna l-oħra li nstabet fid-dar miegħu meta saret it-tfittxija mill-pulizija, huwa qal dan li ġej:

‘Dan kien ċertu Renato minn Ħal Balzan jew B’Kara. Jiena ilni nafu ħafna. Ngħid li għal dan l-aħħar xahar Renato ġie għandi madwar 5 darbiet. Ngħid li s-soltu Renato jiġi jżommli kumpanija. Illum Renato ġie u beda jaqta’ l-karti.

M. Għaliex kien qiegħed iqasqas il-karti?
T. Dan kien qiegħed iqasqas il-karti sabiex jagħmilhom pakketti u nimlewhom bl-eroina.
M. X’kontu bi ħsiebkom tagħmlu bil-pakketti ta’ l-eroina?
T. Renato kien qed jagħmel il-pakketti biex jeħodhom hu. Ngħid li dak il-ħin li Renato kien qed iqasqas il-karti, jiena kont fil-bitħa niknes. Ngħid li qabel ma beda jqasqas il-karti, aħna ftehmna li nippakkjaw l-eroina.
M. Meta kien l-aħħar li inti hadt din id-droga?

T. Dalgħodu' (page 34)

Iżda iktar 'l isfel qal hekk ukoll:

'Ngħid li dan kien qed jgħini u talli kien qed jgħini kien jieħu xi pakketti għalih. Jiena naf li Renato jieħu l-methadone.'

Din ir-risposta kienet għall-mistoqsija:

'Għaliex kien qed iqasqas il-karti Renato?' (fol 34).

Il-pulizija tellgħet xi xhieda oħra fosthom lil PC 255 Anthony Mangion li qal li kienu għamlu search fuq l-imputat Renato Portelli u rriżulta li ma kellu xejn. Fir-residenza ta' Pace kienu sabu affarijiet konnessi mad-droga (fol 46). Fuq il-persuna ta' Renato Portelli l-imputat ma sabu xejn droga (fol 47)

Xehed PS 951 Joseph Tonna li tkellem dwar it-tfittxija li saret għand Joseph Pace. Hemm kienu sabu lill-imputat ukoll. U Joseph Pace kien ħadhom fil-bitħa fejn kien hemm 9 jew 10 biċċiet tal-cannabis. Id-droga kollha kienet giet għandu mingħand Joseph Pace (fol 54).

Xehed ukoll PC 579 Antoine Micallef illi qal illi kienet saret tfittxija għand id-dar ta' Joseph Pace fejn kien hemm l-imputat. Dan kien qagħad ma l-imputat u iktar tard niżlu d-depot bil-karozza tiegħu.

Xehed ukoll PS 533 Jason Caruana illi qal li mingħand Joseph Pace kienu elevaw 10 biċċiet raza tal-cannabis kif wkoll borża li kien fiha kontenut trab kannella. Dan ukoll kkonferma li fuq il-persuna ma kienu sabu xejn.

L-ispiżjar Mario Mifsud li kien maħtur fil-mori ta' l-inkjesta kien xehed u mill-proċess jirriżulta illi kien hemm 11.686 grammi ta' THC kif wkoll 4.168 grammi eroina.

Xehed PC 1574 Renato Cremona illi qal li kienet saret tfittxija f'17 Dock Street Pieta kif wkoll kkonferma li kien preżenti għall-istqarrija magħmula minn Renato Portelli.

Kien xehed Joseph Pace illi qal li ma kienx jiftakar jekk semmiex lil xi ħadd dwar id-droga li nstabet fil-pussess tiegħu (fol 175). Dan ix-xhud qal li dak illi qal jikkonfermah pero' ma jiftakarx dik il-ġurnata li xehed x'kien qal (fol 176). Il-Qorti kif kienet preseduta wrietu l-istqarrija u l-prosekuzzjoni staqsiet jekk kinitx l-ewwel darba li l-imputat Renato kien għen lil Pace f'din il-biċċa xogħol ta' tqattiegħ tal-karti. Ix-xhud wieġeb iva. Kien gharaf lil Renato bħala l-imputat u qal li qatt qabel dik id-data ma kien ta xi droga lill-imputat. Dak inhar lanqas kien tah għax inqabdu.

Xehed Trevor Calafato li kien il-Probation Officer u qal illi l-imputat sab ħafna għajnuna mill-familja tiegħu u llum tista' tgħid li ħareġ mill-problema tad-droga (fol 187). Huwa qed ikun followed ukoll minn persuna fis-Sedqa, ċertu Rita Cortis.

<u>Xhieda difiża</u>

Ittella' Joseph Pace in kontro eżami u dan sar fit-3 ta' Mejju 2006. Fakkruh x'kien xehed quddiem il-Magistrat illum Imħallef Dr. Noel Cuschieri. Hu qal li kien jiftakar (fol 233). U hawn inqratlu silta mill-istatement illi fil-fatt kienet kkonfermata quddiem Maġistrat Inkwerenti u mhux kif jidher a fol 233.

L-avukat difensur qara l-parti fejn qal illi 'Dak il-ħin Renato kien qed iqasqas il-karti u jiena, jiġifieri Joseph Pace, kont fil-bitħa niknes. Ngħid li qabel ma beda jqasqas il-karti aħna ftehmna li nippakkjaw l-eroina.'

Ix-xhud qal li dak iż-żmien kien jieħu l-eroina hu. Ix-xhud Joseph Pace qal li l-imputat kien mar għandu xi ħames darbiet pero meta kien mar għandu ma kienx għamel pakketti (fol 234).

L-avukat difensur staqsieh jekk l-imputat kienx talab id-droga għalih u r-risposta kienet iva għalih u biex jeħodha hu, jiġifieri l-imputat (fol 236). Dan ix-xhud baqa' jinsisti illi l-imputat kien qed jgħinu u dak li kien ser jipprepara, kien ser jippreparah għall-użu tiegħu personali. U hawn hekk a

fol 240, meta kien imfakkar mill-prosekuzzjoni: ‘Nghid iżda li jiena ġieli tajt xi pakkett eroina b’xejn lil Renato’, ix-xhud wieġeb ‘Ma niftakarx li għidt hekk.’

Il-Qorti a fol 242 qrat dawn il-kliem:

‘Ngħid li dan kien qed jgħini u talli kien qed jgħini kien qed jieħu xi pakketti għalih. Jiena naf li Renato jieħu l-methadone. Ngħid li quddiemi Renato qatt ma ħa d-droga.’

Il-Qorti ħasset ukoll il-bżonn li taqra l-istqarrija li kien għamel Joseph Pace quddiem il-Maġistrat Inkwerenti kif jidher a fol 243 et u x-xhud qal li kien jikkonferma dik ix-xhieda li ta ġuramentata qabel kif jidher a fol 247 tal-proċess.

Huwa qal ukoll li l-imputat qatt ma kien biegħlu droga.

Xehed Ivan Testa, Probation Officer illi qal li l-imputat kien bniedem obbidjenti ħafna u t-testijiet kienu kollha fin-negattiv u illi l-imputat dejjem kkopera mal-Probation Officer.

Xehed l-imputat nnifsu fl-10 ta’ Lulju 2007 fejn qal li dak iż-żmien kien juża l-eroina kuljum (fol 257). U qal li dak il-jum kien mar biex jixtri għall-użu personali tiegħu. U kien mar jixtri mingħand Joseph Pace. Huwa lanqas kien ilu iktar minn 5 minuti fil-post ta’ Joseph Pace meta ġew il-pulizija.

Xehed ukoll Charles Portelli li kien mistoqsi jekk meta l-imputat kien qed jagħmel użu mill-eroina kellhomx xi delizzju tal-klieb u r-risposta kienet iva. U din il-persuna li xehdet kienet tagħmel breeding tal-klieb li kien jimporta minn barra.

<u>Trattazzjoni</u>

Id-difiża insistiet illi l-imputat kien beda t-triq ta’ rijabilitazzjoni u insista illi l-eroina kienet inqabdet għand Joseph Pace u mhux għand l-imputat. Id-difiza

ssottomettiet ukoll li ma hemmx provi bizzejjed għall-imputazzjoni illi l-imputat kellu pussess f'ċirkostanzi li juru li ma kienux għall-uzu personali tiegħu biss. Id-difiża ssottomettiet li dan huwa każ fejn l-imputat jista' jinstab ħati ta' pussess sempliċi biss u dan joħroġ ex-admissis.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-perm ta' dan il-każ huwa dak li Joseph Pace xehed bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Minħabba t-trapass taż-żmien f'mumenti saħansitra kien hemm dubju jekk din ix-xhieda kenitx ġuramentata jew ittiħditx biss quddiem l-Uffiċjal Prosekutur. Iżda mill-atti jirriżulta bla dubju ta' xejn ikkonferma l-istqarrija li kien għamel quddiem il-Pulizija billi ġġuramentaha fil-proċess taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Dr.Joseph Apap Bologna. (10 t'Ottubru 1998).

Minn din l-istqarrija joħorġu dawn affermazzjonijiet ta' Joseph Pace:

a) Li l-imputat kien qed jagħmel il-pakketti biex jeħodhom hu.
b) Li l-imputat kien qed jgħin lil Joseph Pace u talli kien qed jgħin lil Joseph Pace kien ser jieħu xi pakketti għalih.
ċ) Is-soltu l-imputat kien imur iżomm kumpanija lil Joseph Pace. Dak in-nhar l-imputat mar u beda jaqta' l-karti.
d) L-imputat kien qed iqasqas il-karti sabiex 'nagħmilhom pakketti u nimlewhom bl-eroina.' (Kliem Joseph Pace testwalment a fol.37).
e) L-imputat kien ippakkja ħames pakketti biss. (fol.35) Joseph Pace ġieli ta xi pakkett b'xejn lill-imputat.

Mix-xhieda ta' Joseph Pace jirriżulta li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien qasqas il-karti u li din kienet l-ewwel darba li Pace kien ser jagħti xi droga lill-imputat u ma leħaqx tah għax ġew il-Pulizija. (fol.176 u 177).

Mix-xhieda u r-rapport ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li s-sustanza kienet droga.

Jirriżulta wkoll li kien xtara d-droga Joseph Pace u mhux l-imputat. 9Ara l-istqarrija ta' Joseph Pace (Ara fol.35 tal-proċess fejn tissemma persuna oħra li Jospeh Pace kien xtara d-droga eroina li xtara).

Minn dan l-assjem ta' fatti l-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat fl-10 t'Ottubru 1998 kellu l-pussess tad-droga eroina għaliex din kienet preżenti u hu kien qed iqasqas il-karti biex wara dawn jintlew bl-eroina. Huwa wkoll kien qed jgħin lil Joseph Pace iħejji l-qratas li iżda nnega li fil-perjodu huwa kien qed ibigħ l-eroina bħalma kien jagħmel sa l-1996. (fol.35). Li kien ser ibiegħ kienet ir-raża.

L-ewwel imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' l-eroina. Mill-provi jidher li din l-eroina (fl-ammont ta' 4.168 grammi) kienet inxtrat minn Joseph Pace. Dan l-ammont seta' jindika intenzjoni ta' spaċċjar. L-imputat kien qed jgħin lil Joseph Pace u għalhekk tidħol il-kwistjoni jekk l-imputat kienx kompliċi f'pussess aggravat ai termini ta' l-artikolu 42(d) u (e) tal-Kap 9.

Huwa diffiċli għall-Qorti li temmen li l-imputat kien qed iħejji ħames pakketti għalih biss u jitlaq lejn id-dar fid-dawl ta' l-espressjoni:

"Dan (l-imputat) kien qed iqasqas il-karti sabiex nagħmilhom pakketti u nimlewhom bl-eroina.'

Ix-xhud Joseph Pace fl-istqarrija qal '"Jien gieli tajt xi pakkett eroina b'xejn lil Renato' (fol35) u imbagħad fix-xhieda tiegħu Joseph Pace qal li kien tah darba biss- anzi li lanqas kien irnexxielu għax ġew il-Pulizija. (176 u 177)..

Il-Qorti qieset dan kollu u qieset ukoll x'qal Joseph Pace – fl-istqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti - li fl-1998 (id-data li tidher fl-imputazzjoni) - hu ma kienx għadu jbiegħ id-droga eroina għalkemm esprima l-intenzjoni ċara li kien ser ibigħ ir-raża tal-cannabis.

Il-Qorti waslet għal dawn il-konklużjonijiet:

(a) L-imputat m'għandu ebda imputazzjoni kontrih dwar il-bejgħ tal-cannabis. U għalhekk ma jirispondix għall-intenzjonijiet ta' Joseph Pace.

(b) Min-naħa l-oħra ġaladarba ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni insista li ma kellux intenzjoni li jbigħ l-eroina u li kien waqaf ibigħ l-eroina fl-1996, il-Qorti mjix qed issib lill-imputat ħati ta' pussess aggravat ta' l-eroina. Minflok, stante t-tħejjija li kien qed jagħmel l-imputat sabiex hu stess jieħu l-eroina u stante li kien lesta ħames pakketti, il-Qorti qes issibu ħati ta' pussess sempliċi ta' l-eroina għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Dan ir-reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni – Assoċjazzjoni.**

Bħala l-aħjar każ fuq dan il-punt, il-Qorti tirreferi għal dak deċiż mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Marzu, 2003 'The Republic of Malta versus Steven Caddick and Philip Walker.' F'dan il-każ il-Qorti qalet hekk:

'Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons (Section 22(1A) (Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason namely that two or more persons may

contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.

The First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result were:

(i) The agreement between two or more persons
(ii) the intention to deal in drugs
(iii) The agreed plan of action.

It is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.'[1]

Il-Qorti mhix ser tieqaf fuq dan il-każ biss iżda ser tirreferi wkoll għal każ 'Ir-Repubblika versus Godfrey Ellul' deċiż fis-17 ta' Marzu, 2005[2] fejn il-Qorti qalet hekk:

'Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xhieda li ta waqt il-ġuri u tistqarr li minnhom ma jirriżultax li ġew 'ikkumbinati jew miftehma mezzi' li bihom l-apppellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jattriaffikaw mediċina perikoluża. Naqraw fl-Archbold:

'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry out their criminal intent, the very plot is the criminal act itself. Mulcahy v R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; T v Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R 274; R v Tibbits and Windust (1902) 1 .K.B. 77 at 89; R v Meyrick and Ribuffi 21 Cr.App. R 94 CCA Nothing need be done in pursuit of the agreement O'Connell versus R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.'

'The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it; R versus Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R versus Murphy (1837) 8 C&P 297. proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of

---

[1] Court of Criminal Appeal 6th March, 2003 'The Republic versus Steven John Caddick et pages 22 and 23
[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali 10/2001 paġini 29 u 30

an apparent criminal purpose in common between them.' R versus Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy versus R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.'

Mill-proċess ma tirriżulta ebda prova ta' 'an agreed plan of action' bejn l-imputat u Joseph Pace. Fin-nuqqas ta' wieħed mill-elementi l-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni – Ksur ta' l-artikolu 28A tal-kap 9.**

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sentenza tas-26 t'April 1995 li fiha kienet ikkonfermata sentenza kontra l-imputata ta' sena priġunerija sospiża għal erba' snin. Minħabba li ma kinux għaddew erba' snin minn meta l-imputat wettaq ir-reat ta' pussess ta' droga, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni u qed issib lill-imputat ħati tagħha.

**Ir-raba' Imputazzjoni – Reċidiva.**

MInħabba li s–sentenza ta' priġunerija msemmija fil-paragrafu preċedenti ngħatat fl-1996, japplikaw l-artikoli 49 u 50 tar-reċidiva. Għalhekk il-Qorit qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni. (L-imputat instab ukoll ħati ta' pussess tad-droga eroina fl-20 ta' Settembru 1996 u kien ikkundannat iħallas multa ta' ħamsin lira Maltija.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 qed tiddeċiedi kif ġej:

(a) taħt l-ewwel imputazzjoni qed issib lill-imputat ħati ta' pussess sempliċi u mhux ta' pussess aggravat, liema reat

ta' pusses sempliċi huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni;

(b) mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah minnha;

(ċ) ħati tat-tielet imputazzjoni;

(d) ħati tar-raba' imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' 700 Euro [3] stante li l-imputat diġa' kellha kundanna oħra qabel dwar id-droga waqt li jidhrilha li jkun aktar jixraq li ai termini ta' l-artikoli 28B tal-Kap 9, testendi s-sena priġunerija sospiża b'sentejn oħra li jibdew jiddekorru mil-lum.

Il-multa tista titħallas b'rati mitt Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi parti mill-mmultat din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euros mhux imħallsin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Madwar Lm300